



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Mejju 2020
(OR. en)

13028/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0218 (NLE)

FDI 32
SERVICES 50
WTO 272

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt CETA stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-proċedura għall-adozzjoni tal-interpretazzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 8.31.3 u 8.44.3(a) tas-CETA bħala Anness tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt CETA stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku
u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda,
u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, b'rabta
mal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-proċedura għall-adozzjoni tal-interpretazzjonijiet
f'konformità mal-Artikoli 8.31.3 u 8.44.3(a) tas-CETA
bħala Anness tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37¹ tipprovdi l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra² ("il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2016.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38³ tipprovdi l-applikazzjoni provviżorja ta' partijiet tal-Ftehim, inkluż l-istabbiliment tal-Kumitat Konġunt CETA u l-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment. Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.
- (3) Skont l-Artikolu 26.3.1 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA, għall-finijiet li jinkisbu l-oġettivi ta' dan il-Ftehim, għandu jkollu s-setgħa li jagħmel deċiżjonijiet dwar kull kwistjoni meta dan il-ftehim jipprovdi hekk.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1).

² ĠU L 11, 14.1.2017, p. 23.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

- (4) Skont l-Artikolu 26.3.2 tal-Ftehim, id-deċiżjonijiet li jieħu l-Kumitat Konġunt CETA għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, bil-kondizzjoni li jitlestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni meħtieġa, u l-Partijiet għandhom jimplimentawhom.
- (5) Skont l-Artikolu 26.1.4(d) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (6) Skont l-Artikolu 26.2.1(b) tal-Ftehim, il-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment huwa wieħed mill-kumitati speċjalizzati stabbiliti mill-Ftehim.
- (7) Skont l-Artikolu 26.2.4 tal-Ftehim, il-kumitati speċjalizzati għandhom jistabbilixxu u jimmodifikaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom stess jekk iqisu li dan ikun xieraq.
- (8) Ir-Regola 14.4 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt CETA kif stabbilit fid-Deċiżjoni 001/2018 tal-Kumitat Konġunt CETA tas-26 ta' Settembru 2018, tipprovdi li sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor minn kull kumitat speċjalizzat skont l-Artikolu 26.2.4 tal-Ftehim, ir-Regoli ta' Proċedura japplikaw *mutatis mutandis* għall-kumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti skont il-Ftehim.

- (9) F'konformità mal-Artikoli 8.31.3 u 8.44.3(a) tal-Ftehim, meta jitfaċċa tħassib serju li jirrigwarda kwistjonijiet ta' interpretazzjoni li jistgħu jaffettwaw l-investment, il-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment jista', bi qbil tal-Partijiet u wara li jitlestew ir-rekwiżiti u proċeduri interni rispettivi tagħhom, jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt CETA l-adozzjoni ta' interpretazzjonijiet tal-Ftehim. Interpretazzjoni adottata mill-Kumitat Konġunt CETA hija vinkolanti għat-Tribunali stabbiliti skont it-Taqsima F (Risoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment bejn l-investituri u l-istati) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' jiddeċiedi li interpretazzjoni jkollha effett vinkolanti minn data speċifika.
- (10) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt CETA abbażi tal-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt CETA fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-proċedura għall-adozzjoni tal-interpretazzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 8.31.3 u 8.44.3(a) tal-Ftehim bħala Anness tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA meħmuż ma' din id-Deciżjoni⁴.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁴ Ara d-dokument ST 6965/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.